**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

ŻEJTUN
Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 09/25**
**Data:** It-Tnejn, 11 ta' Awwissu 2025
**Ħin:** 5:45pm
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Preżenti**
Joan Agius - Sindku
Raymond Caruana - Viċi-Sindku (mis-6:02pm)
Enya Abela - Kunsilliera
Christian Attard - Kunsillier (mis-6:00pm)
Anthony Aquilina - Kunsillier
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Roderick Caruana - Kunsillier (mis-6:10pm)
Ivan Giardina - Kunsillier
Luke Doublet - Kunsillier (mis-6pm)
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

**09.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
**09.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**
**09.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**
**09.04** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**
**09.05** ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**
**09.06** **Pajzza Santa Marija;**
**09.07** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**
**09.08** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
**09.09** **Mozzjonijiet; u**
**09.10** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**09. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Ma kinx hemm ittri ta'apoloġiji mressqa. | |

**09. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Aquilina<br>Sekondant: Camilleri | Il-Minuti 08/25 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il-korrezzjonijiet. | |
| 09. 2. 1 | | Abela: Mozzjoni | Tiżdied li l-Mozzjoni mressqa minn Abela hija 'Studju dwar il-Kapaċita' ta' Tolleranza tal-Iżvilupp'. Hi tat spjegazzjoni fid-dettall dwar studju li qed tipproponi li għandu jsir mill-Gvern dwar kemm il-lokal jiflaħ għall-iżvilupp. | Abela |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**09. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 2 5 | 07.08.07 | Sindku: Birzeit | Is-Sindku qalet li hemm il-ħsieb li dawn jiġu għal Żejt iż-Żejtun. | Sindku |
| 09. 2 6 | 08.02.01 | Aquilina: Masġar Dun Victor Grech | Aquilina qal li l-marmista ġie u bidel ukoll tlett ittri li kienu neqsin fil-mafkar tal-Vittmi Tal-Gwerra. | Aquilina |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 2 | 7 | 08.02.02 | Aquilina: Tiżjin tal-Milied | Aquilina staqsa fiex wasalna minħabba t-tiżjin tal-Milied. Is-Segretarju wieġeb li qed jipprepara l-informazzjoni sabiex jinħareġ it-tender. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09. | 2 | 8 | 08.02.05 | Camilleri: *Summer Revision Classes* | Camilleri qalet li dawn għaddejjien nhar ta' Erbgħa u l-Ħamis. | Camilleri |
| 09. | 2 | 9 | 08.02.06 | Camilleri: *Halloween Event* | Camilleri li għaddejjien il-preparamenti għal din l-attivita'. | Camilleri |
| 09. | 2 | 10 | 08.02.12 | Sindku: Fond Mill-Pjazza għall-Pjazza | Is-Sindku qalet li l-fondi ser jingħataw mill-Arts Council u l-programm ser ikun mifrux fuq tlett pjazzez. Id-Data ser tkun dik tal-15 ta' Novembru. | Sindku / Aquilina |
| 09. | 2 | 11 | 08.03.05 | Sindku: Arbli fuq iz-zuntier | Is-Sindku qalet li l-manutenzjoni tal-fanali li hemm fuq iz-zuntier ser jintalbu stima għalihom. Infrastructure Malta offrew li jagħtu l-għajnuna tagħhom biex isir dan ir-restawr. Aquilina qal li s-supply tad-dawl għandu jitneħħa mill-knisja u jsir indipendenti mill-Enemalta. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 09. | 2 | 12 | 08.03.15 | Porzjon t'art fi Triq Biżqallin | Is-Sindku qalet li ser ikun qed jitqbbad surveyer minn naħa tal-kunsill biex jiġi identifikat eżatt fejn irid jitla l-ħajt u ssir il-bankina biex il-quddiem ma jkollniex iktar problemi fuq din iż-żona. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 09. | 2 | 13 | 08.05.02 | Sindku: Skart | Is-Sindku qalet li wara li ġew installati kameras ta' siġurta; inqabdu diversi nies jarmu llegalment. Pero' qed tinnota li l-iskart qed jintrema f'postijiet oħra wkoll. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li filmati li wieħed jista' jidentifika persuni minnu ma jistgħux jittellgħu fuq il-midja soċjali minħabba data protection. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09. | 2 | 14 | 08.09.01 | Attard: Equality Event | Attard qal li din l-attivita' edukattiva dwar l-ugwaljanza ser issir fit-12 ta' Settembru fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. Fost affarijiet oħra ser ikun hemm diskorsi mill-Onor. Rebecca Buttigeg u l-Onor. Clayton Mercieca, Drama minn 4 Jays, u ser isir banner b'messaġġ ta' mħabba. Ser issir ukoll għotja ta' kotba għall-librerija. Tajjeb ngħidu li din ser tkun l-ewwel attivita' tax-xorta tagħha. | Attard |
| 09. | 2 | 15 | 08.09.02 | Abela: Mobile Blood Donation Unit | Abela qalet li għal darb'oħra reġa ġie l-Mobile Blood Donation Unit u kien hemm 14 -il donatur li taw id-demm. | Abela |
| 09. | 2 | 16 | 08.09.03 | Camilleri: End of School Party | Camilleri qalet li kien hemm attendenza tajba ħafna (72 tifel u tifla) u kien suċċess. Ser isir ieħor lejn l-aħħar tas-sajf. Giardina offra li jħallas għat-trophies sabiex issir kompetizzjoni fl-istess attivita'. | Camilleri / Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 2 | 17 | 08.09.04 | Sindku: Ġurnata Sqallija | Is-Sindku qalet li din ser issir u hemm ibbukjati 50 ruħ. | Sindku |
| 09. | 2 | 18 | 08.09.05 | Sindku: Ġurnata Kemmuna | Is-Sindku qalet li ser issir u bbukjaw 30 ruħ. | Sindku |
| 09. | 2 | 19 | | Attard: Zumba classes | Attard qal li dawn huma lesti u rringrazzjana talli provdejna l-post. | Attard |

**09 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML08/25. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 3 | 1 | | Sindku: Quddiesa fi Pjazza Sta. Marija mill-Parroċċa | Is-Sindku qalet li l-kunsill għin billi ħa ħsieb li ssir it-tneħija tal-karozzi pparkjati f'din iż-żona u t-tindif. Ġie nnutat li bħala kunsill ma konniex misteidna b'mod uffiċjali. | Sindku |
| 09 | 3 | 2 | | Sindku: Xogħlijiet | Is-Sindku tat rendikont dwar xogħolijiet li għaddejien minn IM. Bħalissa kuntratturi waqqfu bis-shut downs. Triq il-Qadi mxew biċċa sew, Triq l-Alfier u Triq is-Siniskalk għaddew id-drenaġġ, Misraħ Karmenu Grima lest ukoll u ser isir bil-madum fil-parti tal-parkeġġ. Ġebel San Martin ser jibdew il-bankina u ser jingħata l-ilma fi Triq Mikiel Busuttil. Kif titlesta Triq il-Qadi ser imorru Triq Wied il-Għajn. Aquilina staqsa jekk minn naħa tal-WSC jistax jitlestew is-servizzi għall-bini ġdid li jista' jitla l' quddiem. | Sindku |
| 09 | 3 | 3 | | Sindku: Triq Santa Monika | Is-Sindku qalet li kien hemm problema b'permess f'din it-triq. Jidher li l-kuntrattur baqa' għaddej jaħdem sa tard bil-lejl mingħajr permess. Sar rapport dwar dan u qed nistennew minn naħa tal-BCA u l-pulizija. | Sindku |
| 09 | 3 | 4 | | Sindku: Bulky Refuse | Is-Sindku qalet li qed tinnota li l-bulky refuse qed jittieħdu items li ma jkunux għaddew mill-Kunsill imma ssir talba apparti. Talbet li kull ordni trid issir il-kunsill u ser nibdew inħallsu biss ta' dawn l-ordinijiet. | Sindku |
| 09 | 3 | 5 | | Sindku: Bins on wheels | Is-Sindku qalet li bħalissa għandna mikrija 4 bins u dawn suppost qed jinġabru tlett darbiet fil-ġimgħa. Innutat li dan mhux isir u ġibdet l-attenzjoni tal-kuntrattur. Issemiet il-problema li hemm fiċ-ċimiterji u li l-knisja għandha tagħti sehma biex din tkun taħt kontroll. | Sindku |
| 09 | 3 | 6 | | Sindku: Tiġdied tal-Karti tal-identita' | Is-Sindku qalet li offriet is-servizz li persuni jistgħu jiġu l-kunsill sabiex isir il-mili tal-formoli u jittieħdu r-ritratti fil-binja tal-kunsill, imbagħad meta jkunu lesti jkunu jistgħu jinġabru minn servizz.gov. | Sindku |
| 09 | 3 | 7 | | Sindku: Pilates by Chair u Line Dancing | Is-Sindku qalet li hemm ix-xewqa li minn Settembru jibda' jsir il-Pilates by chair kif ukoll line dancing. Dwar dan ser jinagħata iktar tagħrif fil-ġimgħat li ġejjien. | Sindku / Attard / Camilleri |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 3 | 8 | | Sindku: Knis ta' toroq u lattrini pubbliċi | Is-Sindku qalet li erġajna tkellimna mal-Cleansing Department fejn tlabna li kenniesa joffrulna tmienja sabiex isir il-knis tat-toroq. Is-Sindku qalet ukoll li tlabna l-għajnuna sabiex jintbagħtu ħaddiema fil-latrini pubbliċi. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 09 | 3 | 9 | 01 | LCA: Magni AED | Wara diskussjoni kien hemm qbil li dawn għandhom jinxtraw u jiġu nstallati f'postijiet pubbliċi. Ser jinġiebu kwotazzjonijiet għal dawn il-magni. | Sindku / Abela |
| 09 | 3 | 10 | 02 | LCA: Smart City Expo 2025 | Bħala kunsill ser nibagħtu rappreżentanza f'din il-fiera li ser issir bejn l-4 u s-6 ta' Novembru. | Attard |
| 09 | 3 | 11 | 03 | Reġjun Nofsinhar: Waste Payments | Is-Sindku qalet li l-pagamenti tal-multi fuq skart mormi ħażin matul l-2024, ir-Reġjun qabel li dawn għandhom jitħallsu minnhom. Ser ikunu qed jintbagħtu credit notes sabiex jingħalqu l-bilanċi pendenti. | |
| 09 | 3 | 12 | 04 | Reġjun Nofsinhar: Ħinijiet ġbir tal-skart | Kien hemm diskussjoni u qbil unanimu li l-iskart għandu jibda' jinġabar matul filgħaxija sabiex inaqqas mill-konfuzzjoni tat-traffiku filgħodu. Bħala ħinijiet għandu jkun bejn it-8pm u 12.30am. Il-ħġieġ jibqa' jinġabar filgħodu. | |
| 09 | 3 | 13 | 05 | Gal Xlokk: Laqgħa informattiva | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa l-parroċċa fejn ġie preżentat spjegazzjoni dwar skemi ta' fondi li ser ikunu jinħarġu u diġa nħarġu bejn l-2023 sas-sena 2027.<br>Kienet miftuħa għall-għaqdiet kollha u dawn attendew ukoll. | |
| 09 | 3 | 14 | 12 | Pulizija tal-Komunita': Attivita' ta' Inkluzzjoni | Il-pulizija talbu li ssir attivita' fi Ġnien l-Għannejja Żwieten fid-19 ta' Settembru. Talbu wkoll sabiex issir l-arja kkundizjonata fl-uffiċju minn fejn qed joperaw fil-kunsill kif ukoll ser jinxtara mutur elettriku u qed jitolbu li bħala kunsill ngħinu f'dan. Kien hemm qbil dwar dan kollu. | Sindku |
| 09 | 3 | 15 | | Aquilina | Aquilina ressaq għall-approvazzjoni stima sabiex jinġiebu l-Cappella Musicale Caewciliana għall-kunċert tal-Milied. Dan wara li rajna stimi oħrajn u ċċekjajna min jista' Din kienet tammona għall-€2300 + VAT. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. | |

**09. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 4 | 1 | | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku qal li bħalissa hemm problema bit-tiġieġ jiġru fejn Binja San Klement u San Martin li qed idejjqu r-residenti bil-ħmieġ u ġrieden. Giardina u Doublet offrew li jintervjenu u jnaddfu din iż-żona billi jinqabdu u jiġu rilokati. Ser jitolbu permess mill-pulizija wkoll. | Giardina / Doublet |

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 4 | 2 | | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku qal li l-pelican lights fejn id-djar tal-anzjani mhux taħdem għax inħarqet il-kaxxa u qed isir xogħol biex tiġi lura għan-normal malajr kemm jista' jkun. Semma' l-problema tal-belishia lights fi Triq il-Labour. Issuġerixxa li jsiru l-bollards biex ma jibqax jintlaqat l-arblu tad-dawl taż-zebra crossing. | Viċi-Sindku |
| 09. | 4 | 3 | | Sindku | Is-Sindku qalet li l-attivita' tal-AKL morna numru sabiħ ta' kunsilliera u staff u vera ħadna gost. | |
| 09. | 4 | 4 | | Abela: Problema tal-ġrieden | Abela staqsiet jekk id-Dipartiment tas-Sanita' bediex ixerred il-velenu tal-ġrieden madwar il-lokal sabiex tittaffa l-problema. Is-Sindku qalet li nfurmata li iva dan beda. Is-Sindku qalet li tapprezza x-xogħol imma t-tmieh tal-qtates mhux jgħin. Hemm ix-xewqa li dawn jinġabru f'Cat's Cafe'. | |

**09. 5. Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 5 | 1 | | Aquilina: Lapidi | Aquilina qal li qed jistenna il-kwotazzjonijiet sabiex tissebbaħ il-lapida li tfakkar il-Vittmi tal-Gwerra. Il-kwotazzjoni sabiex tiċċaqlaq u tiġi rilokata lapida li qiedgħa fejn il-Każin tal-Banda Beland., din tammonta għal €240. L-lapida ta' Dun Victor Grech ser tiswina €460. Aquilina ssuġerixxa li s-sena d-dieħla isir kunċert b'kollaborazzjoni mal-knisja sabiex jitfakkar Carlo Diacono. | Aquilina |
| 9 | 5 | 2 | | Giardina: Vjal il-President Anton Buttiġieġ | Giardina reġa' semma l-periklu li hemm f'dan il-vjal. Ser inkunu qed nerġgħu nfakkru lill IM dwar dan sabiex tittieħed azzjoni. | Segretarju Eżekuttiv |
| 9 | 5 | 3 | | Sindku: Celano | Is-Sindku qalet li bi pjaċir innotat li l-Kardinal Mario Grech għamel żjara fejn kien mistieden mill-Fondazzjoni Esuardo ta' Celano u ħadu gost li hemm ġemellaġ maż-Żejtun. Bħala kunsill bagħtna nirringrazzjawhom. | |
| 9 | 5 | 4 | | Sindku: Żjara fil-portugall | Is-Sindku qalet li f'isem il-kunsill Aquilina ser ikun qed iżur il-Portugall fuq proġett tal-kultura mar-Reġjun. | Aquilina |

**09. 6. Pajzza Santa Marija;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 6. | 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li IM ser tkun qed tgħaqqad l-ideat tal-kusnill ma' dawk tal-periti mill-palestina sabiex jiġi finalizzat il-pjan u jibda x-xogħol. Bħala parkeġġ mhux ser jitnaqqas. Ser issir laqgħa mar-residenti fl-4 ta' Settembru fis-6pm. | |

**09. 7. Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 7 | 1 | | Attard: Sports Day | Attard qal li fil-21 ta' Settembru ser issir sports Day b'kollaborazzjoni ma' Sports Malta. Din ser tkun qed issir fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. Iktar dettalji fil-ġranet li ġejjien. | Attard |
| 09 | 7 | 2 | | Camilleri: Skola Sajf | Fl-20 ta' Awwissu, s-Sur Kirsten Fenech ser ikun qed jattendi Skola Sajf fejn ser qed ikun juri l-proċess tal-manuċċi u dawn jinħadmu dakinhar mill-istudenti wkoll. | Camilleri |
| 09 | 7 | 3 | | Camilleri: Foam Party | Camilleri qalet li dan ser jerġa jsir fis-16 ta' Settembru. | Camiileri |
| 09 | 7 | 4 | | Camilleri: Christmas Market | Camilleri qalet li din is-sena dan ser isir fit-12 ta' Diċembru fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. Iktar dettalji fil-ġimgħat li ġejjien. | Camiileri |
| 09 | 7 | 5 | | Caruana: Clean up | Caruana qal li ser issir clean up day. Diġa' għamel laqgħa mal-Scouts biex isiru l-preparamenti. Ser ikun qed jistieden ukoll il-każini tal-baned biex jipparteċipaw. | Caruana |
| 09 | 7 | 6 | | Attard: Kummiedja | Attard fakkar fil-kummiedja li ser tittella' fi Ġnien l-Għannejja Żwieten minn 4Jays. | |

**09. 8. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 8. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 09/25 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09. | 8. | 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 08/25 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09. | 8. | 3 | | *Petty Cash* - Lulju 2025 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Lulju hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €82.41 | Segretarju Eżekuttiv |

**09 9 Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 9 | 1 | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet imressqa. | |

**09 10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-8pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 22 ta' Settembru 2025 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

IFFIRMATA

Joan Agius
Sindku

IFFIRMATA

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv